MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Avviz Numru. 953/2001/1

**Poseidon Pools International Ltd**

**Vs**

**David L. Jones**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas l-ammont ta' Lm2095.75 rappresentanti l-ammont dovut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija (Dok A).

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja datat 4 ta' Gunju 2001 u tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru u bl-imghax legali sal-pagament effettiv.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, in-nullita’ u l-irritwalita’ tal-Avviz, stante li mhux indikat x’inhuma il-“2095.75” li qed jigu mitluba l-hlas taghhom.
2. Subordinatament u ukoll inlinea preliminari, l-eccipjenti mhux il-legittimu kontradittur fil-konfront tas-socjeta’ attrici u ghalhekk ghandu jigi liberat minnufih mill-osservanza tal-gudizzju, stante li, jekk sar xi biegh, dan ma sarx lilu, imma lis-socjeta’ kummerjcali Grove Enterprises Limited.
3. Illi subordinatament, l-azzjoni odjerna hija preskritta a tunur tal-art. 2148 (b) u (a) tal-Kodici Civili.
4. Illi subordinatament mhux dovut ebda mmont lis-socjeta’ attrici la mill-eccipjent u lanqas mis-socjeta’ Grove Enterprises Limited, kif ser jirriuzlta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jkun opportun li jinghad, f’dan l-istadju, illi l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenut, kienet giet solvuta permezz tad-debita korrezzjoni kif risultanti mid-digriet moghti ‘seduta stante’ waqt is-seduta li nzammet fil-11 ta’ Settembru 2002 (ara fol 11 tal-atti). Wara li gie pronunzjat dan id-digriet, l-avviz, kif korrett, gie notifikat lill-konvenut fit-23 ta’ Gunju 2002 (ara faccata ta’ fol 13 tal-istess atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, fit-tieni lok, il-Qorti ser tikkonsidra u tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni in esami kif sollevata mill-konvenuta a basi, tal-artikolu <u>2148(a) u (b)</u> tal-Kodici Civili, liema artikolu jistipula illi azzjonijiet li jistghu jigu esercitati mill-persuni li jesercitaw is-snajja hemm specifikati jew li jesercitaw kwalunkwe sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tax-xoghol maghmul minnhom u l-materjal provdut minnhom kif ukoll dawk ta’ kredituri ghal prezz ta’ merkanzija jew oggetti, mobili ohra

mibjughin bl-imnut, huma kollha kemm huma preskritti bit-trapass ta' tmintax-il xahar.

Ikkunsidrat

Illi, in konnessjoni mal-istess eccezzjoni, s-socjeta attrici pproduciet ix-xhud, Anthony Camilleri (fol 16 et seq ibid). Dan beda' billi esebixxa "statement" in konnessjoni mal-ammont pretiz mis-socjeta' attrici, u fuq dan id-dokumeni hemm imnizzlin:-

a) il-fatturi kolha bin-numri relattivi oltre d-dati taghhom, liema fatturi jmorru mid-19 ta' Dicembru 1996 sat-13 ta' April 1999.
b) L-ammonti mhallsin akkont bid-dati relattivi. Hawnhekk jidher li dawn il-hlasijiet saru, fi flus kontanti bejn l-17 ta' Mejju 1994 u it-2 ta' Marzu 1998.
c) Ammont, imnaqqas (ara 'deduct') in konnessjoni ma hrug ta' 'credit notes' wahda bid-data tal-11 ta' April 1997 u ohra b'dik tas-6 ta' Lulju 1998.
d) Ammont imnaqqas ukoll bhala konsegwenza ta' ftehim ta' 'tpacija' li sehh ghal-certu perijodu u kif spjega l-istess xhud a fol 17. Dwar dan jidher li kienet saret "tpacija' 'in parte' permezz ta' zewg fatturi li ggibu d-data tal-21 ta' Jannar 2000 u l-25 ta' Marzu 2002. Illi x-xhud kompla biex jghid illi kienu saru diversi kuntatti mal-konvenut dwar il-hlas tal-bilanc u din kien dejjem jghid 'issa nibghatlek c-cekk', li, pero, qatt ma wasal. Dwar dawn il-kuntatti maghmulin telefonikament, dawn kienu saru 'bejn in-1999 u l-bidu tat-2000".

Ikkunsidrat

Illi, kif ukoll, gie speicifat fl-ahhar tax-xhieda moghtija mix-xhud imsemmi din l-azzjoni, tirreferi ghal "bejgh u konsenja ta' merkanzija" ossija "makkinarju ta' 'swimming pools' kif ukoll servizzi relattivi ghall-istallazzjoni ta-istess , bhal, per ezempju, kimika u accessorji ta' 'swimming pools' u b'hekk jidher li hu applikabbli l-artikolu 2148(a ) u (b) gja citati.

Ikkunsidrat

Illi jigi notat li l-konvenut qatt ma gab xi prova in sostenn ta’ din l-eccezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi xorta wahda, l-Qorti analizzat il-provi kif esposti, sabiex tara jekk il-konvenut ghandux jisufruwixxi minn tali beneficcju.

Ikkunsidrat

Illi, dawr dan, l-ewwel nett gew konsiderati zewg artikoli specifikatament l-artikolu 2133 u 2134, li jirreferu ghall-intenzjoni tal-preskrizzjoni jew permezz ta’ rikonoxximent, anki verbali da parti tad-debitur, tal-allegat debitu fil-konfront tieghu. Dwar dan, issir referenza ghal dak li xehed Anthony Camilleri in konnessjoni ma telefonati, bejnu u l-konvenut sal-‘…. Bidu tas-sena 2000”. Hawnhekk, il-Qorti ikkunsiderat li dan kien sehh sal-ahhar ta’ Jannar tas-sena 2000. Mill-avviz in esami, jidher li kienet saret u giet presentata ittra ufficjali tal-’17 ta’ Settembru’ presumibilment tal-2001 in rigward liema att ufficjali, ma ingiebet ebda prova li gie notifikat bih l-konvenut (ara l-artikoli 2130(1) tal-Kodici Civili). Hawnhekk jidher car, li bejn l-ahhar ta’ Jannar 2000 u l-17 ta’ Settembru 2001, skadew aktar minn tmintax-il xahar u ghalhekk, minn dan l-aspett, l-eccezzjoni in esami tista’ tigi akkolta.

Illi, pero’, jidher mill-istess provi illi kienu saru pagamenti akkont kif risultanti mill-imsemmi ‘statement’ bl-ahhar wiehed jsir fil-mori ta’ din il-kawza, permezz tal-ftehim ta’ ‘tpacija’ hawn fuq citat u dan fil-25 ta’ Marzu 2002.

Ghalhekk, minn dan l-aspett, jidher li l-perjodu ta’ preskrizzjoni applikabbli, gie effettivament u legalment interott u ghadu ma skadiex.

Ghalhekk, u ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta u tordna li din il-kawza

tkompli tinstema fil-meritu oltre li jigu konsiderati t-tieni (2) u raba’ (4) eccezzjonijiet.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------